MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 826/2008

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**Vs**

**James Grima I.D. 573982(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta’ Ottubru 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf hames mija u tlieta u ghoxrin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,523.58) ghar-ragunijiet premessi fl-Avviz imsemmi bl-imghax ulterjuri mit-8 ta’ Dicembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha.

Ra l-affidavit tal-PL Francesca Scerri pprezentat kontestwalment mal-Avviz, u d-dokumenti annessi mal-istess affidavit.

Sema` lill-konvenut James Grima li waqt is-seduta tat-15 ta’ Dicembru 2008 ammetta t-talbiet attrici u wieghed li sas-seduta li jmiss ikun hallas l-ammont dovut.

Ra n-nota tas-socjeta`attrici pprezentata fit-13 ta’ Frar 2009, li permezz taghha rriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta’ elf u sebgha u ghoxrin Euro u ghaxar centezmi (€1027.10) flimkien mal-imghax legali mit-13 ta’ Frar 2009 sal-jum tal-effettiv pagament stante depositu li sar fil-mori ta’ din il-kawza.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u sebgha u ghoxrin Euro u ghaxar centezmi (€1027.10), bl-imghax legali mit-13 ta’ Frar 2009 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------